# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2014/140/PESK

## tal-14 ta’ Marzu 2014

## timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta’ Awissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

(1) Fl-1 ta’ Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.

(2) Fil-31 ta’ Mejju, is-27 ta’ Ġunju, l-24 ta’ Settembru u t-18 ta’ Ottubru 2013, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, stabbilit skont il-paragrafu 30 tar-Riżoluzzjoni 1988 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà, emenda l-lista ta’ individwi, gruppi, impriżi u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK huwa b’dan emendat kif stabbilit fl-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta’ Marzu 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. CHRISOCHOIDIS

[1] (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 57).

*ANNESS*

I. **L-entrati fil-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għall-persuni ta' hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati li jinsabu hawn taħt.**

A. *Individwi assoċjati mat-Taliban*

1. **Fazl Rabi** (magħruf ukoll bħala **(a)** Fazl Rabbi, **(b)** Fazal Rabi, **(c)** Faisal Rabbi)

**Raġuni għall-inklużjoni fil-lista:** Uffiċjal għoli fil-Provinċja ta' Konar matul ir-reġim Taliban. **Data tat-twelid:** **(a)** 1972, **(b)** 1975. **Post tat-twelid:** **(a)** Distrett ta' Kohe Safi, Provinċja ta' Parwan, l-Afganistan, **(b)** Provinċja ta' Kapisa, l-Afganistan, **(c)** Provinċja ta' Nangarhar, l-Afganistan, **(d)** Provinċja ta' Kabul, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Jirrappreżenta u jipprovdi appoġġ finanzjarju u loġistiku lin-Netwerk ta' Haqqani, li hu bbażat fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **(b)** Membru tal-Kunsill Finanzjarju Taliban. **(c)** Ivvajaġġa barra mill-pajjiż biex jiġbor fondi f'isem Sirajuddin Jallaloudine Haqqani, Jalaluddin Haqqani, in-netwerk ta' Haqqani u t-Taliban. **(d)** Maħsub li jinsab fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

2. **Nasiruddin Haqqani** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Dr. Alim Ghair, **(b)** Naseer Haqqani, **(c)** Dr. Naseer Haqqani, **(d)** Nassir Haqqani, **(e)** Nashir Haqqani, **(f)** Naseruddin)

**Indirizz:** il-Pakistan. **Data tat-twelid:** Bejn wieħed u ieħor 1970-1973. **Post tat-twelid:** Distrett ta' Neka, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza:** Afgana. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani, li jopera mit-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. **(b)** Iben Jalaluddin Haqqani. **(c)** Huwa vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija u l-Emirati Għarab Magħquda biex jiġbor fondi għat-Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 20.7.2010.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

In-Netwerk ta' Haqqani huwa grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera mill-Aġenzija tat-Tramuntana tal-Waziristan fiż-Żoni Tribali Amministrati Federalment tal-Pakistan. Huwa jinsab fuq il-quddiem nett tal-attivitajiet ta' ribelljoni fl-Afganistan, responsabbli għal bosta attakki ta' profil għoli. It-tmexxija tan-Netwerk ta' Haqqani hija magħmula mit-tliet ulied subien il-kbar ta' Jalaluddin Haqqani, li wieħed minnhom huwa Nasiruddin Haqqani.

Nasiruddin Haqqani jaħdem bħala emissarju għan-Netwerk ta' Haqqani u jqatta' bosta mill-ħin tiegħu jiġbor il-fondi. Fl-2004, Haqqani vvjaġġa lejn l-Arabja Sawdija ma' assoċjat tat-Taliban biex jiġbor fondi għat-Taliban. Huwa pprovda wkoll fondi fl-2004 lil militanti fl-Afganistan sabiex jiġu mfixkla l-elezzjonijiet presidenzjali Afgani. Mill-inqas bejn l-2005 u l-2008, Nasiruddin Haqqani ġabar fondi għan-Netwerk ta' Haqqani permezz ta' diversi vjaġġi għall-ġbir ta' fondi, inkluż matul vjaġġi regolari lejn l-Emirati Għarab Magħquda fl-2007 u permezz ta' vjaġġ ieħor għall-ġbir ta' fondi lejn stat ieħor tal-Golf fl-2008. Minn nofs l-2007, Haqqani kellu allegatament tliet sorsi prinċipali ta' finanzjament: donazzjonijiet mir-reġjun tal-Golf, traffikar ta' drogi, u ħlasijiet minn Al-Qaida. Lejn tmiem l-2009, Nasiruddin Haqqani rċieva bosta mijiet ta' eluf ta' dollari minn individwi assoċjati ma' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija sabiex dawn jintużaw għall-attivitajiet tan-Netwerk ta' Haqqani.

3. **Mohammad Aman Akhund** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Mohammed Aman, **(b)** Mullah Mohammed Oman, **(c)** Mullah Mohammad Aman Ustad Noorzai, **(d)** Mullah Mad Aman Ustad Noorzai, **(e)** Sanaullah)

**Data tat-twelid:** 1970. **Post tat-twelid:** Raħal ta' Band Tumur, Distrett ta' Maiwand, Provinċja ta' Kandahar, l-Afganistan. **Informazzjoni oħra:** **(a)** Membru Għoli tat-Taliban mill-2011 bi dmirijiet finanzjarji, inkluż il-ġbir ta' fondi f'isem it-tmexxija. **(b)** Ipprovda appoġġ loġistiku għall-operazjonijiet tat-Taliban u kkanalizza r-rikavati mit-traffikar tad-drogi għax-xiri tal-armi. **(c)** Aġixxa bħala segretarju tal-mexxej Taliban il-Mullah Mohammed Omar u bħala l-messaġġier tiegħu fil-laqgħat ta' livell għoli tat-Taliban. **(d)** Assoċjat ukoll ma' Gul Agha Ishakzai. **(e)** Membru taċ-ċirklu ristrett tal-Mullah Mohammed Omar matul ir-reġim Taliban. **Data tan-nomina min-NU:** 6.1.2012.

4. **Sangeen Zadran Sher Mohammad** (*magħruf ukoll bħala* **(a)** Sangin **(b)** Sangin Zadran **(c)** Sangeen Khan Zadran **(d)** Sangeen **(e)** Fateh **(f)** Noori)

**Titlu**: **(a)** Maulavi (tinkiteb ukoll: Maulvi), **(b)** Mullah. **Data tat-twelid**: **(a)** Bejn wieħed u ieħor 1976, **(b)** Bejn wieħed u ieħor 1979. **Post tat-twelid**: Tang Stor Khel, Distrett ta' Ziruk, Provinċja ta' Paktika, l-Afganistan. **Ċittadinanza**: Afgana. **Informazzjoni oħra**: **(a)** Shadow governor tat-Taliban għall-Provinċja ta' Paktika lejn tmiem l-2012. **(b)** Kmandant Għoli tan-Netwerk ta' Haqqani. **(c)** Logutenent Għoli għal Sirajuddin Lallaloudine Haqqani. **(d)** Jappartjeni għat-tribù Kharoti. **(e)** Irrappurtat deċedut f'Settembru 2013. **Data tan-nomina min-NU**: 16.08.2011.

**Informazzjoni addizzjonali mis-sintesi tar-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista pprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet:**

Sangeen Zadran huwa mexxej tar-ribelljoni fil-provinċja ta' Paktika, l-Afganistan u kmandant tan-Netwerk ta' Haqqani. In-Netwerk ta' Haqqani, grupp ta' militanti affiljati mat-Taliban li jopera fir-reġjun tal-fruntiera bejn l-l-Afganistan u l-Pakistan, kien fuq quddiem tal-attività tar-ribelljoni fl-l-Afganistan, responsabbli għal ħafna attakki ta' profil għoli. Zadran jaġixxi bħala logutenent anzjan għall-mexxej tan-Netwerk ta' Haqqani Sirajuddin Haqqani.

Sangeen Zadran jgħin fit-tmexxija ta' ġellieda f'attakki fix-Xlokk kollu tal-Afganistan, u huwa maħsub li ppjana u kkoordina il-moviment ta' ġellieda barranin fl-Afganistan. Sangeen Zadran kien ukoll involut f'bosta attakki fejn intuża apparat splussiv improvizzat (IED).

Barra mir-rwol tiegħu f'dawn l-attakki, Sangeen Zadran kien ukoll involut fil-ħtif ta' Afgani u ċittadini barrani fir-reġjun tal-Fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan.

B. *Entitajiet u gruppi u impriżi oħra assoċjati mat-Taliban*

1. **Rahat Ltd.** (magħrufa wkoll bħala **(a)** Rahat Trading Company, **(b)** Haji Muhammad Qasim Sarafi, **(c)** New Chagai Trading, **(d)** Musa Kalim Hawala)

   **Indirizz**: **(a)** Uffiċċju tal-Fergħa 1: Numru tal-kamra 33, Sular 5, Sarafi Market, Belt ta' Kandahar, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan **(b)** Uffiċċju tal-Fergħa 2: Numru tal-ħanut 4, Azizi Bank, Haji Muhammad Isa Market, Wesh, Spin Boldak, Provinċja ta' Kandahar, Afganistan **(c)** Uffiċċju tal-Fergħa 3: Safaar Bazaar, Distrett ta' Garmser, Provinċja ta' Helmand, Afganistan **(d)** Uffiċċju tal-Fergħa 4: Lashkar Gah, Provinċja ta' Helmand, Afganistan **(e)** Uffiċċju tal-Fergħa 5: Distrett ta' Gereshk, Provinċja ta' Helmand, Afganistan **(f)** Uffiċċju tal-Fergħa 6: Distrett ta' Zaranj, Provinċja ta' Nimroz, Afganistan, **(g)** Uffiċċju tal-Fergħa 7: i) Triq Dr. Barno, Quetta, Pakistan, ii) Haji Mohammed Plaza, Triq Tol Aram, viċin Triq Jamaluddin Afghani, Quetta, Pakistan, iii) Kandahari Bazaar, Quetta, Pakistan **(h)** Uffiċċju tal-Fergħa 8: Chaman, Provinċja ta' Baluchistan, Pakistan **(i)** Uffiċċju tal-Fergħa 9: Chaghi Bazaar, Chaghi, Provinċja ta' Baluchistan, Pakistan **(j)** Uffiċċju tal-Fergħa 10: Zahedan, Provinċja ta' Zabol, Iran. **Informazzjoni oħra**: **(a)** Rahat Ltd. intużat mit-tmexxija Talibana għat-trasferiment ta' fondi li oriġinaw minn donaturi esterni u traffikar tan-narkotiċi għall-finanzjament tal-attività Talibana sa mill-2011 u l-2012. **(b)** Proprjeta' ta' Mohammed Qasim Mir Wali Khudai Rahim. **(c)** Assoċjat ukoll Mohammad Naim Barich Khudaidad. **Data tan-nomina min-NU**: 21.11.2012.

II. **L-entrata fil-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2011/486/PESK għall-persuna t'hawn taħt għandha titħassar.**

A. *Individwi assoċjati mat-Taliban*

1. **Badruddin Haqqani** (*magħruf ukoll bħala* Atiqullah).